PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0122(COD)

22.10.2008

EMENDI
24 - 66

Abbozz ta' rapport
Ona Juknevičienė
(PE414.369v01-00)

Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2001/470/KE tal-Kunsill li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u à kummerċjali

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
(COM(2008)0380 – C6-0248/2008 – 2008/0122(COD))

AM_Com_LegReport

Emenda 24
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a – sottopunt ii
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt (e)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(e) *l-ordnijiet* professjonali li fil-livell nazzjonali ta' l-Istati Membri jirrappreżentaw l-avukati, in-nutara, l-marixxalli u l-professjonisti legali l-oħra li jipparteċipaw direttament fl-applikazzjoni ta' l-atti Komunitarji u ta' l-istrumenti internazzjonali *relattivi għall-kooperazzjoni* ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali."	"(e) ***meta jixtiequ jkunu membri,*** *l-assoċjazzjonijiet* professjonali li fil-livell nazzjonali ta' l-Istati Membri jirrappreżentaw l-avukati, in-nutara, l-marixxalli u l-professjonisti legali ***l-oħra*** li jipparteċipaw direttament fl-applikazzjoni ta' l-atti Komunitarji u ta' l-istrumenti internazzjonali *marbuta mal-kooperazzjoni* ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Billi dawn l-assoċjazzjonijiet professjonali huma organizzazzjonijiet indipendenti, jeħtieġ li jkun stipulat li għandhom għażla dwar jekk isirux membri tan-Netwerk.

Emenda 25
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b – sottopunt i
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – sottoparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Meta Stat Membru jaħtar diversi punti tal-kuntatt, huwa għandu ***jaħtar fosthom punt tal-kuntatt prinċipali u jassigura*** l-iffunzjonar tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adattati bejniethom. ***Il-persuna maħtura bħala punt ta' kuntatt uniku jew bħala punt ta' kuntatt***	"Meta Stat Membru jaħtar diversi punti tal-kuntatt, huwa għandu ***jiżgura li r-responsabilitajiet speċifiċi ta' kull wieħed ikunu nnotifikati lill Kummissjoni u għandu jiżgura wkoll*** l-iffunzjonar tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adattati

prinċipali ta' Stat Membru teżerċita esklussivament il-funzjonijiet ta' punt tal-kuntatt previsti minn din id-Deċiżjoni, bl-esklużjoni ta' kull funzjoni oħra, partikolarment dawk imsemmija mid-Deċiżjoni fil-paragrafu 1 b), ċ), d) u e)."	bejniethom."

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-organizzazzjoni tal-punti tal-kuntatt fl-Istati Membri hija r-responsabilità tal-Istati Membri, u għandhom jistipulaw jekk il-punti tal-kuntatt għandhomx jaħdmu biss fuq kwistjonijiet marbuta man-Netwerk. L-Emenda terġa' ddaħħal it-test fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2001 biż-żieda tal-kliem bit-tipa qawwija. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu huma stess kif il-punti tal-kuntatt tagħhom għandhom jikkomunikaw mal-ġudikatura tagħhom. Mhuwiex ċar xi tfisser membru "sħiħ" tan-Netwerk.

Emenda 26
Armando França

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b – sottopunt i
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – sottoparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Meta Stat Membru jaħtar diversi punti tal-kuntatt, huwa għandu ***jaħtar fosthom punt tal-kuntatt prinċipali u*** jassigura l-iffunzjonar tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adattati bejniethom. ***Il-persuna maħtura bħala punt ta' kuntatt uniku jew bħala punt ta' kuntatt prinċipali ta' Stat Membru teżerċita esklussivament il-funzjonijiet ta' punt tal-kuntatt previsti minn din id-Deċiżjoni, bl-esklużjoni ta' kull funzjoni oħra, partikolarment dawk imsemmija mid-Deċiżjoni fil-paragrafu 1 b), ċ), d) u e).***"	"Meta Stat Membru jaħtar diversi punti tal-kuntatt, huwa għandu jassigura l-iffunzjonar tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adattati bejniethom."

Or. en

Emenda 27
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b – sottopunt ii
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – sottoparagrafu 2 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Jekk il-punt tal-kuntatt maħtur bis-saħħa tal-paragrafu 2 mhuwiex imħallef, l-Istat Membru konċernat għandu ***jaħtar imħallef sabiex jassistih fix-xogħol ta' kooperazzjoni tiegħu ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali.*** Dan l-imħallef għandu jkun membru ***sħiħ*** *tan-netwerk*."	"Jekk il-punt tal-kuntatt maħtur bis-saħħa tal-paragrafu 2 mhuwiex imħallef, l-Istat Membru konċernat għandu ***jaħseb għal komunikazzjoni effettiva mal-ġudikatura nazzjonali. Biex dan ikun iffaċilitat Stat Membru jista' jaħtar imħallef biex jappoġġja din il-funzjoni.*** Dan l-imħallef għandu jkun membru *tan-Netwerk*."

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-organizzazzjoni tal-punti tal-kuntatt fl-Istati Membri hija r-responsabilità tal-Istati Membri, u għandhom jistipulaw jekk il-punti tal-kuntatt għandhomx jaħdmu biss fuq kwistjonijiet marbuta man-Netwerk. L-Emenda terġa' ddaħħal it-test fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2001 biż-żieda tal-kliem bit-tipa qawwija. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu huma stess kif il-punti tal-kuntatt tagħhom għandhom jikkomunikaw mal-ġudikatura tagħhom. Mhuwiex ċar xi tfisser membru "sħiħ" tan-Netwerk.

Emenda 28
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b a (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiddaħħal il-paragrafu (2a) li ġej:
	"(2a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-punti tal-kuntatt tagħhom ikollhom biżżejjed riżorsi biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod xieraq

bħala punti tal-kuntatt.”

Or. en

Emenda 29
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt c
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"3. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 b), c) u e). Għall-finijiet tal-paragrafu 1 e), meta fl-Istat Membru jeżistu diversi *ordnijiet* professjonali rappreżentattivi fil-pjan nazzjonali ta’ professjoni legali, hija r-responsabilità ta’ dan l-Istat Membru li jassigura rappreżentanza xierqa tal-professjoni konċernata *man-netwerk*.”	"3. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 b), c) u e). Għall-finijiet tal-paragrafu 1 e), ***l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-professjonijiet legali l-aktar xierqa u,*** meta fl-Istat Membru jeżistu diversi *assoċjazzjonijiet* professjonali rappreżentattivi fil-pjan nazzjonali ta’ professjoni legali, hija r-responsabilità ta’ dan l-Istat Membru li jassigura rappreżentanza xierqa tal-professjoni konċernata *man-Netwerk*.”

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ikun utli li l-Istati Membri jiddeċiedu liema mill-professjonijiet għandhom ikunu membri.

Emenda 30
Armando França

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt c
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"3. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw	"3. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw

l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 b)***, c) u e)***. ***Għall-finijiet tal-paragrafu 1 e), meta fl-Istat Membru jeżistu diversi ordnijiet professjonali rappreżentattivi fil-pjan nazzjonali ta' professjoni legali, hija r-responsabilità ta' dan l-Istat Membru li jassigura rappreżentanza xierqa tal-professjoni konċernata man-netwerk."***	l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 b) ***u c)***.
	Or. en

Emenda 31
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt d a (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Il-paragrafu 5, punt (c) għandu jiġi ssostitwit b'li ġej:
	"*(c) meta xieraq, il-funzjonijiet speċifiċi tagħhom fin-Netwerk, *kif ukoll, meta jkun hemm aktar mnn punt tal-kuntatt wieħed, ir-responsabilitajiet speċifiċi tagħhom.
	Or. en

Ġustifikazzjoni

B'konformità mal-emenda għat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 2(2).

Emenda 32
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 2 – sottopunt a
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(b) jiġi faċilitat l-aċċess effettiv tal-pubbliku għall-ġustizzja, ***partikolarment*** minn azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-iffunzjonar ta' l-atti Komunitarji u ta' l-istrumenti *intenazzjonali* dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali."	"(b) jiġi faċilitat l-aċċess effettiv tal-pubbliku għall-ġustizzja, minn azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-iffunzjonar ta' l-atti Komunitarji u ta' l-istrumenti *internazzjonali* dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali. ***Għalkemm in-Netwerk għandu l-obbligu li jipprovdi informazzjoni lill-pubbliku dwar l-istrumenti internazzjonali u Komunitarji, dan ma jimponix obbligu fuq l-Istati Membri biex jagħtu aċċess dirett lill-pubbliku għall-punti tal-kuntatt.*** ***Is-sors ewlieni ta' informazzjoni huwa l-websajt tan-Netwerk iżda l-Istati Membri huma liberi li jipprovdu aktar informazzjoni. Id-deċiżjoni dwar kif għandha tingħata informazzjoni bħal din hija f'idejn l-Istati Membri.***"

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku dwar l-istrumenti internazzjonali u Komunitarji huwa importanti. Madankollu, m'għandux jimponi obbligu fuq l-Istati Membri biex jippermettu l-aċċess dirett mill-pubbliku għall-punti tal-kuntatt.

Emenda 33
Rainer Wieland

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 2 – sottopunt a
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(b) jiġi faċilitat l-aċċess effettiv tal-pubbliku għall-ġustizzja, ***partikolarment*** minn azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-iffunzjonar ta' l-atti Komunitarji u ta' l-	"(b) jiġi faċilitat l-aċċess effettiv tal-pubbliku għall-ġustizzja, minn azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-iffunzjonar ta' l-atti Komunitarji u ta' l-istrumenti

istrumenti *intenazzjonali* dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali.”	*internazzjonali* dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-pubbliku jingħata informazzjoni dwar l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali u li jkunu konxji mill-obbligu li tqiegħed fuq in-Netwerk minn strumenti bħar-Regolament (KE) Nru 861/2007 dwar it-Talbiet Żgħar u d-Direttiva 2002/8/KE dwar l-Għajnuna Legali. Madankollu, dan m'għandux jimponi obbligu fuq l-Istati Membri biex jippermettu l-aċċess dirett mill-pubbliku għall-punti tal-kuntatt.

Emenda 34
Armando França

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 2 – sottopunt b a (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-punt c) huwa ssostitwit b'li ġej:
	"(c) l-istabbiliment, iż-żamma *u l-promozzjoni* ta' sistema tat-tagħrif għall-pubbliku dwar il-koperazzjoni ġudizzjarju fil-materji ċivili u kummerċjali fl-Unjoni Ewropea, l-istrumenti rilevanti Komunitarji u internazzjonali u l-liġijiet domestiċi ta' l-Istati Membri, b'riferiment partikolari għall-aċċess għall-ġustizzja. *Is-sors ewlieni ta' informazzjoni huwa l-websajt tan-Netwerk. L-informazzjoni pprovduta fil-websajt trid tkun aġġornata regolarment u trid tħares il-prinċipju tal-multilingwiżmu."*

Or. en

Emenda 35
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 2 a (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 4 – punt 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a). Il-punt (3a) li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 4:
	"3a. għandu jikkoopera mal-punti tal-kuntatt tan-Netwerk Ġudizzjarju fir-rigward ta' kwistjonijiet kriminali meta jkun utli u fl-interess komuni; jekk meħtieġa, għandhom isiru laqgħat konġunti tal-membri taż-żewġ netwerks. "

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għalkemm iż-żewġ Netwerks jaħdmu b'mod differenti u għandhom skopijiet differenti, jista' jkollhom problemi simili fir-rigward tal-organizzazzjoni tan-Netwerk u speċjalment tal-ħidma tal-punti tal-kuntatt. Għalhekk ikun utli li jaqsmu l-esperjenzi u l-fehmiet.

Emenda 36
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt a
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – sottoparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Il-punti tal-kuntatt *huma* wkoll għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali ta' l-Istat Membru tagħhom u ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali ta' l-Istat Membru tagħhom u ***l-awtoritajiet*** stipulati fil-punt e) tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2,	"***B'konformità mar-regoli li għandhom jiġu stabbiliti minn kull Stat Membru, il-punti*** tal-kuntatt *għandhom ikunu* wkoll għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali ta' l-Istat Membru tagħhom u ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji

għall-istess raġunijiet, skond it-termini deċiżi minn kull Stat Membru."	lokali ta' l-Istat Membru tagħhom u***, fir-rigward ta' kwistjonijiet marbuta mal-applikazzjoni tal-istrumenti internazzjonali u Komunitarji, tal-awtoritajiet*** stipulati fil-punt e) tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2. ***Huma biss il-membri tan-netwerk maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 2(1)(a) sa (d) li jistgħu jagħmlu mistoqsijiet lill-punti tal-kuntatt dwar każijiet speċifiċi."***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk l-assoċjazzjonijiet professjonali tal-professjonisti legali se jsiru membri tan-Netwerk, id-Deċiżjoni trid tikkjarifika li jekk isiru membri l-avukati ma jkollhomx aċċess dirett għall-punti tal-kuntatt dwar każijiet individwali.

Emenda 37
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt b – sottopunt i
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(a) ***tingħata kull informazzjoni meħtieġa għall-kooperazzjoni ġudizjarja tajba bejn l-Istati Membri, skond l-Artikolu 3, lill-punti tal-kuntatt l-oħra, lill-awtoritajiet imsemmija fil-punti b), c), d) u e), tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2 kif ukoll lill-awtoritajiet ġudizzjarji lokali ta' l-Istat Membru tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jippreparaw b'mod effettiv talba ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u l-kuntatti diretti l-aktar adattati; b'mod partikolari, tiġi pprovduta kull informazzjoni sabiex tkun faċilitata l-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat Membru ieħor li huwa applikabbli għal-litiġju jew għas-sitwazzjoni skond att Komunitarju jew ta' strument***	"(a) ***jikkomunikaw mal-assoċjazzjonijiet professjonali tal-professjonisti legali identifikati fl-Artikolu 2(3) sabiex tingħata informazzjoni dwar it-tħaddim tal-istrumenti internazzjonali u Komunitarji rigward il-koperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali, kif ukoll biex jaqsmu l-esperjenza ġenerali tagħhom.***

internazzjonali. Għalhekk, il-punt tal-kuntatt li tiġi ppreżentata tali talba quddiemu jista' jirrikorri għand l-awtoritajiet l-oħra ta' l-Istat Membru tiegħu msemmija fl-Artikolu 2 sabiex jagħmel il-liġi. L-informazzjoni li tinsab fir-risposta la torbot lill-punti tal-kuntatt, la lil dawn l-awtoritajiet u lanqas lill-awtorità li tkun ippreżentat it-talba."

Or. en

Emenda 38
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt b – sottopunt ii
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"c)il-pubbliku jiġi informat dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali fl-intern ta' l-Unjoni Ewropea, fuq l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali pertinenti u fuq il-liġi interna ta' l-Istati Membri, partikolarment f'dak li jikkonċerna l-aċċess għas-sistemi tal-qrati;"	***imħassar***

Or. en

Emenda 39
Rainer Wieland

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt b – sottopunt ii
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"c)il-pubbliku jiġi informat dwar il-	***imħassar***

kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali fl-intern ta' l-Unjoni Ewropea, fuq l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali pertinenti u fuq il-liġi interna ta' l-Istati Membri, partikolarment f'dak li jikkonċerna l-aċċess għas-sistemi tal-qrati;"

Or. en

Emenda 40
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt b – sottopunt ii
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"*c)bis* il-pubbliku jiġi informat dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali fl-intern ta' l-Unjoni Ewropea, fuq l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali pertinenti u fuq il-liġi interna ta' l-Istati Membri, partikolarment f'dak li jikkonċerna l-aċċess għas-sistemi tal-qrati;"	" *(ca)* il-pubbliku***, partikolarment iżda mhux biss permezz tal-websajt tan-Netwerk,*** jiġi informat dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali fl-intern ta' l-Unjoni Ewropea, fuq l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali pertinenti u fuq il-liġi interna ta' l-Istati Membri, partikolarment f'dak li jikkonċerna l-aċċess għas-sistemi tal-qrati;"

Or. en

Emenda 41
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt b – sottopunt ii a (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) jiddaħħal il-punt (cb) li ġej:

"(cb) itejbu l-għarfien tal-awtoritajiet ġudizzjarji lokali dwar in-Netwerk, anke dwar il-websajt tan-Netwerk, speċjalment tal-imħallfin li jittrattaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-liġi ċivili u kummerċjali."

Or. en

Emenda 42
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt b – sottopunt ii b (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iib) jiddaħħal il-punt (cc) li ġej:
	"(cc) jippromwovu l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali għall-benefiċċju tal-awtoritajiet ġudizzjarji lokali tal-Istati Membri tagħhom, meta xieraq b'kooperazzjoni man-Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju."

Or. en

Emenda 43
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt b – sottopunt ii c (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iic) jiddaħħal il-punt (cd) li ġej:
	"(cd) itejbu l-għarfien tal-pubbliku dwar il-websajt tan-Netwerk."

Or. en

Emenda 44
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt b – sottopunt ii d (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt (e)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iid) il-punt (e) huwa sostitwit b'li ġej:
	"(e) jassistu fit-tħejjija u l-aġġornament tat-tagħrif riferit fit-Titoli III, u b'mod partkolari fis-sistema tat-tagħrif għall-pubbliku, skond ir-regoli stabbiliti f'dan it-Titolu*, billi jipprovdu informazzjoni dwar il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri permezz tal-websajt tan-Netwerk*."

Or. en

Emenda 45
Rainer Wieland

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt b – sottopunt ii d (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt (e)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iid) il-punt (e) huwa sostitwit b'li ġej:
	"(e) jassistu fit-tħejjija u l-aġġornament tat-tagħrif riferit fit-Titoli III, u b'mod partkolari fis-sistema tat-tagħrif għall-pubbliku, skond ir-regoli stabbiliti f'dan it-Titolu*, billi jipprovdu informazzjoni dwar il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri permezz tal-websajt tan-Netwerk*."

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-uniku obbligu għall-punti tal-kuntatt huwa li jipprovdu informazzjoni dwar il-liġi nazzjonali permezz tal-websajt tan-Netwerk. L-Istati Membri biss jistgħu jiddeċiedu jekk iridux li l-punti tal-kuntatt ikunu disponibbli biex jipprovdu tali informazzjoni. Bl-istess mod, filwaqt li xi Stati Membri jippermettu aċċess dirett mill-pubbliku għall-punti tal-kuntatt, dan m'għandux jimponi obbligu fuq l-Istati Membri kollha. Il-websajt tan-Netwerk jibqa' l-aqwa sors għal tali informazzjoni.

Emenda 46
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 4 – sottopunt -i (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 6 – sottoparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-i) Fl-Artikolu 6, is-sottoparagrafu 2 huwa sostitwit b'li ġej:
	***"*2. F'kull Stat Membru l-awtoritajiet ipprovduti mill-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali li jkollhom x'jaqsmu mal-koperazzjoni ġudizzjarja fil-materji ċivili jew kummerċjali u l-punti tal-kuntatt tan-Network għandhom jidħlu għal skambju regolari tal-veduti u l-kuntatti *anke, meta meħtieġ, għal laqgħat* sabiex jiżguraw illi l-esperjenza rispettiva tagħhom tiġi mxerrda fil-wisa' kemm jista' jkun."**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-komunikazzjoni bejn il-punti tal-kuntatt u l-awtoritajiet ċentrali għandha tkun deċiża mill-Istati Membri stess. Mhuwiex meħtieġ li wieħed jimponi piż amministrattiv biex jiġu organizzati laqgħat li mhumuex meħtieġa.

Emenda 47
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 4 a
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'li ġej:
	"1. Sabiex jiffaċilita l-ħidma prattika tan-Netwerk, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiżgura illi l-punti tal-kuntatt ikollhom għarfien adegwat ta' lsien uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet *tal-Unjoni* minbarra dak tagħhom infushom, meta jitqies illi jeħtieġu li jkunu kapaċi jikkomunikaw mal-punti tal-kuntatt fi Stati Membri oħra."

Or. en

Emenda 48
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 5
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 8(1)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-punti tal-kuntatt jirrispondu għat-talbiet kollha li jiġu ppreżentati lilhom mingħajr dewmien, u fi żmien għaxart ijiem wara li jiġu rċevuti l-aktar tard. Jekk punt tal-kuntatt ma jkunx jista' jilqa' t-talba fi żmien għaxart ijiem wara li jirċeviha, dan għandu jinforma fil-qosor b'dan lil min qed jagħmel it-talba b'indikazzjoni taż-żmien li hu jqis li jkun meħtieġ biex jirrispondiha.	1. Il-punti tal-kuntatt jirrispondu għat-talbiet kollha li jiġu ppreżentati lilhom mingħajr dewmien, u fi żmien għaxart ijiem wara li jiġu rċevuti l-aktar tard. Jekk punt tal-kuntatt ma jkunx jista' jilqa' t-talba fi żmien għaxart ijiem wara li jirċeviha, dan għandu jinforma fil-qosor b'dan lil min qed jagħmel it-talba b'indikazzjoni taż-żmien li hu jqis li jkun meħtieġ biex jirrispondiha. It-tul ta' żmien f'ebda każ ma jista' jaqbeż it-tletin jum. ***It-tul ta' żmien f'ebda każ ma jista' jaqbeż it-***

tletin jum.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ jiġi stabbilit perjodu massimu sabiex jiġu evitati l-posponimenti eventwali u għall-istess motivi minħabba n-natura komplikata tat-talba.

Emenda 49
Armando França

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 5
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-punti tal-kuntatt jirrispondu għat-talbiet ***kollha*** li jiġu ppreżentati lilhom mingħajr dewmien, u *fi żmien* ***għaxart ijiem*** wara li jiġu rċevuti *l-aktar tard*. Jekk punt tal-kuntatt ma jkunx jista' jilqa' t-talba fi żmien ***għaxart ijiem*** wara li jirċeviha, dan għandu jinforma fil-qosor b'dan lil min qed jagħmel it-talba b'indikazzjoni taż-żmien li hu jqis li jkun meħtieġ biex jirrispondiha.	1. Il-punti tal-kuntatt *għandhom* jirrispondu għat-talbiet ***dwar kwistjonijiet rigward il-kooperazzjoni ġudizzjarja*** li jiġu ppreżentati lilhom mingħajr dewmien, u *mhux aktar tard minn* ***ħmistax-il-ġuranata*** wara li jiġu rċevuti. Jekk punt tal-kuntatt ma jkunx jista' jilqa' t-talba fi żmien ***ħmistax-il ġurnata*** wara li jirċeviha, dan għandu jinforma fil-qosor b'dan lil min qed jagħmel it-talba b'indikazzjoni taż-żmien li hu jqis li jkun meħtieġ biex jirrispondiha.

Or. en

Emenda 50
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 5
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-punti tal-kuntatt jirrispondu għat-	1. Il-punti tal-kuntatt *għandhom* jirrispondu

talbiet kollha li jiġu ppreżentati lilhom mingħajr dewmien, u *fi żmien **għaxart ijiem*** wara li jiġu rċevuti *l-aktar tard*. Jekk punt tal-kuntatt ma jkunx jista' jilqa' t-talba fi żmien ***għaxart ijiem*** wara li jirċeviha, dan għandu jinforma fil-qosor b'dan lil min qed jagħmel it-talba b'indikazzjoni taż-żmien li hu jqis li jkun meħtieġ biex jirrispondiha.	għat-talbiet kollha li jiġu ppreżentati lilhom mingħajr dewmien, u *mhux aktar tard minn **ħmistax-il ġurnata ta' xogħol*** wara li jiġu rċevuti. Jekk punt tal-kuntatt ma jkunx jista' jilqa' t-talba fi żmien ***ħmistax-il ġurnata ta' xogħol*** wara li jirċeviha, dan għandu jinforma fil-qosor b'dan lil min qed jagħmel it-talba b'indikazzjoni taż-żmien li hu jqis li jkun meħtieġ biex jirrispondiha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjoni dwar żminijiet speċifiċi hija mod effettiv biex ikun żgurat li n-Netwerk itejjeb ir-rendiment tiegħu. 15-il ġurnata ta' xogħol huma skadenza aktar realistika.

Emenda 51
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 5
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-punti tal-kuntatt jirrispondu għat-talbiet kollha li jiġu ppreżentati lilhom mingħajr dewmien, u *fi żmien* għaxart ijiem wara li jiġu rċevuti *l-aktar tard*. Jekk punt tal-kuntatt ma jkunx jista' jilqa' t-talba fi żmien għaxart ijiem wara li jirċeviha, dan għandu jinforma fil-qosor b'dan lil min qed jagħmel it-talba b'indikazzjoni taż-żmien li hu jqis li jkun meħtieġ biex jirrispondiha.	1. Il-punti tal-kuntatt *għandhom* jirrispondu għat-talbiet kollha li jiġu ppreżentati lilhom mingħajr dewmien, u *mhux aktar tard minn* għaxart ijiem ***ta' xogħol*** wara li jiġu rċevuti. Jekk punt tal-kuntatt ma jkunx jista' jilqa' t-talba fi żmien għaxart ijiem ***ta' xogħol*** wara li jirċeviha, dan għandu jinforma fil-qosor b'dan lil min qed jagħmel it-talba b'indikazzjoni taż-żmien li hu jqis li jkun meħtieġ biex jirrispondiha.

Or. en

Emenda 52
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 5
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 8(2)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sabiex jirrispondu bl-aktar mod effikaċi u bl-aktar mod mgħaġġel possibbli għat-talbiet stipulati fil-paragrafu 1, il-punti tal-kuntatt jużaw il-mezzi tat-teknoloġija l-aktar adattati, li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom mill-Istati Membri.	2. Sabiex jirrispondu bl-aktar mod effikaċi u bl-aktar mod mgħaġġel possibbli għat-talbiet stipulati fil-paragrafu 1, il-punti tal-kuntatt jużaw il-mezzi tat-teknoloġija l-aktar adattati, li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom mill-Istati Membri ***bl-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali hija objettiv ta' interess komuni għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri.

Emenda 53
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 5
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni żżomm reġistru elettroniku sigur u b'aċċess limitat tat-talbiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u r-risposti stipulati ***fil-punti a), b), c), c)a tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 5 u ta' l-Artikolu 13 bis***. Il-punti tal-kuntatt għandhom jiżguraw li l-informazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment u għall-iffunzjonar ta' din is-sistema tiġi kkomunikata regolarment lill-	3. Il-Kummissjoni *għandha* żżomm reġistru elettroniku sigur u b'aċċess limitat tat-talbiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u r-risposti stipulati ***permezz tan-Netwerk***. Il-punti tal-kuntatt għandhom jiżguraw li l-informazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment u għall-iffunzjonar ta' din is-sistema tiġi kkomunikata regolarment lill-Kummissjoni."

Kummissjoni.”

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-maġġoranza tal-punti tal-kuntatt ma jirċevux mistoqsijiet direttament mill-pubbliku u għalhekk din id-dispożizzjoni tista’ tkun issimplifikata mingħajr il-ħtieġa li ssir referenza għat-tipi differenti ta’ talba li jistgħu jkunu rreġistrati.

Emenda 54
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 7
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 11 a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-pajjiżi li *jinstabu* fil-fazi ta’ l-adeżjoni u l-pajjiżi kandidati jistgħu jissejħu biex jipparteċipaw f’dawn il-laqgħat bħala osservaturi. L-Istati terzi li huma partijiet ***fil-Ftehim dwar il-kompetenza ġudizzjarja, l-għarfien u t-twettiq tad-deċiżjonijiet*** fil-qasam ċivili u kummerċjali ***ffirmat f’Lugano fit-30 ta’ Ottubru 2007*** jistgħu jassistu wkoll bħala osservaturi f’ċerti laqgħat *tan-netwerk*.	2. Il-pajjiżi li *jinsabu* fil-fazi ta’ l-adeżjoni u l-pajjiżi kandidati jistgħu jissejħu biex jipparteċipaw f’dawn il-laqgħat bħala osservaturi. L-Istati terzi li huma partijiet ***għall-istrumenti finanzjarji konklużi mill-Komunità Ewropea*** fil-qasam ċivili u kummerċjali jistgħu jassistu wkoll bħala osservaturi f’ċerti laqgħat *tan-Netwerk*.

Or. en

Emenda 55
Armando França

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 7
Deċiżjoni 2001/470/KE
Article 11a (2)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-pajjiżi li jinstabu fil-fazi ta’ l-adeżjoni	2. Il-pajjiżi li jinstabu fil-fazi ta’ l-adeżjoni

u l-pajjiżi kandidati jistgħu jissejħu biex jipparteċipaw f'dawn il-laqgħat bħala osservaturi. L-Istati terzi li huma partijiet ***fil-Ftehim dwar il-kompetenza ġudizzjarja, l-għarfien u t-twettiq tad-deċiżjonijiet fil-qasam ċivili u kummerċjali ffirmat f'Lugano fit-30 ta' Ottubru 2007*** jistgħu jassistu wkoll bħala osservaturi f'ċerti laqgħat tan-netwerk.

u l-pajjiżi kandidati jistgħu jissejħu biex jipparteċipaw f'dawn il-laqgħat bħala osservaturi. L-Istati terzi li huma ***partijiet minn strumenti internazzjonali fir-rigward ta'koperazzjoni legali ċivili u kummerċjali tal-Komunità Ewropea*** jistgħu ***jintalbu*** biex jassistu wkoll bħala osservaturi f'ċerti laqgħat tan-netwerk

Or. fr

Emenda 56
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 8
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 12 a – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) In-Netwerk għandu jistabbilixxi relazzjonijiet mill-qrib mal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea u mal-Qorti tal-Prim Istanza.

Or. en

Emenda 57
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 8
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 12 a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. *In-netwerk ikollu* relazzjonijiet *man-netwerk* taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net). Partikolarment, *sabix* tiġi pprovduta kull informazzjoni neċessarja sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-	2. *In-Netwerk għandu jkollu* relazzjonijiet *man-Netwerk* taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net). Partikolarment, *sabiex* tiġi pprovduta kull informazzjoni ***ġenerali dwar it-tħaddim tal-istrumenti***

konsumaturi għall-ġustizzja, il-punti tal-kuntatt *tan-netwerk ġudizzjarju* Ewropew fil-qasam ċivili u kummerċjali *huma* għad-dispożizzjoni tal-***punti tal-kuntatt*** *tan-netwerk ECC.Net*.	***Komunitarji u internazzjonali*** sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-konsumaturi għall-ġustizzja, il-punti tal-kuntatt *tan-Netwerk Ġudizzjarju* Ewropew fil-qasam ċivili u kummerċjali *għandhom ikunu* għad-dispożizzjoni ***tal-membri*** *tan-Netwerk ECC-Net*.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex ikun żgurat li l-punti tal-kuntatt ma jitqiegħdux f'riskju li jkollhom jipprovdu pariri legali dwar każijiet speċifiċi, dan il-paragrafu għandu jikkjarifika li l-ECC-Net jista' jqajjem biss mistoqsijiet ġenerali mal-punti tal-kuntatt tan-Netwerk. Teknikament, huwa aktar korrett li jsiru referenzi għall-ECC-Net milli għall-punti tal-kuntatt.

Emenda 58
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 9
Deċiżjoni 2001/470/KE
Titolu III - Intestatura

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Informazzjoni disponibbli fi ħdan *in-netwerk* u ***l-informazzjoni lill-pubbliku***"	Informazzjoni disponibbli fi ħdan *in-Netwerk,* u ***sistema ta' informazzjoni għall-pubbliku***"

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-websajt tan-Netwerk għandha tibqa' s-sors ewlieni ta' informazzjoni għall-pubbliku, għalhekk it-titolu għandu jerġa' jsir dak fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001.

Emenda 59
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 11
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 13 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"L-Artikolu 13 bis	***imħassar***
L-informazzjoni lill-pubbliku mill-punti tal-kuntatt	
Il-punti tal-kuntatt tan-netwerk għandhom isiru aċċessibbli b'mod progressiv għall-pubbliku permezz tal-mezzi teknoloġiċi l-aktar xierqa sabiex dan tingħata informazzjoni dwar il-kontenut u l-applikazzjoni ta' l-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali u, jekk ikun meħtieġ, li jiġi riferut għand l-awtoritajiet responsabbli mill-applikazzjoni konkreta tagħhom, partikolarment dawk stipulati fl-Artikolu 6."	

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligi fuq il-punti tal-kuntatt f'din id-dispożizzjoni mhumiex ċari. Filwaqt li huwa importanti li l-pubbliku jingħata informazzjoni dwar l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali, is-sors ewlieni ta' informazzjoni għandu jibqa' l-websajt tan-Netwerk. Filwaqt li huwa eżempju tal-aqwa prattika li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni li tkun imfassla apposta għas-sistemi legali tagħhom, għandhom ikunu l-Istati Membri li jiddeċiedu kif jagħmlu dan. M'għandu jkun hemm ebda obbligu fuq il-punti tal-kuntatt tan-Netwerk biex jipprovdu tali informazzjoni.

Emenda 60
Rainer Wieland

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 11
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 13 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni lill-pubbliku mill-punti tal-kuntatt	***Id-disponibilità ta' informazzjoni għall-pubbliku***
Il-punti tal-kuntatt tan-netwerk *għandhom* ***isiru aċċessibbli b'mod progressiv għall-pubbliku permezz*** *tal-mezzi* teknoloġiċi l-aktar xierqa sabiex ***dan tingħata informazzjoni dwar il-kontenut u l-applikazzjoni*** ta' l-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali *relattivi għall-kooperazzjoni* ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali ***u, jekk ikun meħtieġ, li jiġi riferut għand l-awtoritajiet responsabbli mill-applikazzjoni konkreta tagħhom, partikolarment dawk stipulati fl-Artikolu 6***."	***In-Netwerk*** *għandu juża l-mezzi* teknoloġiċi l-aktar xierqa ***biex il-kontenut*** ta' l-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali *marbuta mal-kooperazzjoni* ġudizzjarja fil qasam ċivili u kummerċjali ***jsir disponibbli***."

Or. en

Ġustifikazzjoni

The obligations on the contact points under this provision are not at all clear. It is certainly very important to provide to the public information on Community and international instruments. However, the main source of this information should remain the Network's website. While it can be considered an example of best practice for Member States to provide information which is tailored to their legal systems, how they do that should be left to Member States to decide. There should be no obligation on the Network's contact points to provide such information. Therefore it is suggested not to insert this Article.

Emenda 61
Armando França

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 11
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 13 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-punti tal-kuntatt *tan-netwerk* għandhom ***isiru aċċessibbli b'mod progressiv għall-pubbliku*** permezz tal-mezzi teknoloġiċi l-aktar xierqa sabiex dan *tingħata* informazzjoni dwar il-kontenut u l-applikazzjoni ta' l-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali *relattivi għall-kooperazzjoni* ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali ***u, jekk ikun meħtieġ, li jiġi riferut għand l-awtoritajiet responsabbli mill-applikazzjoni konkreta tagħhom, partikolarment dawk stipulati fl-Artikolu 6***."	***1.*** Il-punti tal-kuntatt *tan-Netwerk* għandhom ***jikkontribwixxu għall-fatt li l-pubbliku jingħata informazzjoni ġenerali,*** permezz tal-mezzi teknoloġiċi l-aktar xierqa sabiex dan *jingħata* informazzjoni dwar il-kontenut u l-applikazzjoni ta' l-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali *marbuta mal-kooperazzjoni* ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali. ***2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, għandhom jittieħdu miżuri sabiex ikun promoss l-għarfien pubbliku tal-websajt tan-Netwerk, u l-aġġornament tagħha għandu jkun żgurat billi tingħata informazzjoni rilevanti fuq bażi regolari***."

Or. en

Emenda 62
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 11
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 13a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-punti tal-kuntatt tan-netwerk ***għandhom isiru aċċessibbli b'mod progressiv għall-***pubbliku permezz tal-mezzi teknoloġiċi l-aktar xierqa ***sabiex dan tingħata informazzjoni*** dwar il-kontenut u l-applikazzjoni ta' l-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali u***, jekk ikun meħtieġ, li jiġi riferut għand*** l-awtoritajiet responsabbli mill-applikazzjoni konkreta tagħhom,	***In-netwerk iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-***pubbliku permezz tal-mezzi teknoloġiċi l-aktar xierqa, ***informazzjoni*** dwar il-kontenut u l-applikazzjoni ta' l-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali u ***dwar*** l-awtoritajiet responsabbli mill-applikazzjoni konkreta tagħhom, partikolarment dawk stipulati fl-Artikolu 6

partikolarment dawk stipulati fl-Artikolu 6.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ma jistax jeżisti aċċess dirett għall-pubbliku fil-punti ta' aċċes. L-informazzjoni għall-pubbliku għandha tkun xogħol in-netwerk u mhux tal-punti ta' kuntatt. Jeħtieġ tiġi ċċarata t-tip ta' informazzjoni li n-netwerk se jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

Emenda 63
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 11 a (ġdid)
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 14 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-paragrafu (3a) li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 14:
	(3a) Bl-istess mod l-Isati Membri għandhom jinkludu ħoloq fuq il-websajts nazzjonali tagħhom, li jikkonċernaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali, għall-websajt tan-Netwerk.

Or. en

Emenda 64
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 12
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 17 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(b) jassigura***, fil-limiti tar-riżorsi disponibbli,*** li jkun hemm it-traduzzjoni	"b) jassigura li jkun hemm it-traduzzjoni fil-lingwi uffiċjali ta' l-Istituzzjonijiet ***tal-***

fil-lingwi uffiċjali ta' l-Istituzzjonijiet ***tal-Komunità***, ta' l-informazzjoni dwar l-aspetti pertinenti tal-liġi u tal-proċeduri Komunitarji, *inkluż* dwar il-ġurisprudenza Komunitarja, kif ukoll il-paġni ġenerali tas-sistema ta' informazzjoni u d-dokumenti ta' informazzjoni stipulati fl-Artikolu 15, u jagħmilha aċċessibbli fuq is-sit tiegħu *tan-Netwerk*."	***Unjoni***, ta' l-informazzjoni dwar l-aspetti pertinenti tal-liġi u tal-proċeduri Komunitarji, *anke* dwar il-ġurisprudenza Komunitarja, kif ukoll il-paġni ġenerali tas-sistema ta' informazzjoni u d-dokumenti ta' informazzjoni stipulati fl-Artikolu 15, u jagħmilha aċċessibbli fuq is-sit tiegħu *tan-Netwerk*."

Or. en

Emenda 65
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Article 1 – point 12
Decision 2001/470/EC
Article 17(4) b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"b) jassigura, ***fil-limiti tar-riżorsi disponibbli***, li jkun hemm it-traduzzjoni fil-lingwi uffiċjali ta' l-Istituzzjonijiet tal-Komunità, ta' l-informazzjoni dwar l-aspetti pertinenti tal-liġi u tal-proċeduri Komunitarji, inkluż dwar il-ġurisprudenza Komunitarja, kif ukoll il-paġni ġenerali tas-sistema ta' informazzjoni u d-dokumenti ta' informazzjoni stipulati fl-Artikolu 15, u jagħmilha aċċessibbli fuq is-sit tiegħu tan-netwerk."	"b) jassigura, ***fl-iqsar żmien possibbli***, li jkun hemm it-traduzzjoni fil-lingwi uffiċjali ta' l-Istituzzjonijiet tal-Komunità, ta' l-informazzjoni dwar l-aspetti pertinenti tal-liġi u tal-proċeduri Komunitarji, inkluż dwar il-ġurisprudenza Komunitarja, kif ukoll il-paġni ġenerali tas-sistema ta' informazzjoni u d-dokumenti ta' informazzjoni stipulati fl-Artikolu 15, u jagħmilha aċċessibbli fuq is-sit tiegħu tan-netwerk."

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-multilingwiżmu totali ma jistax jiddependi mil-limitazzjonijiet finanzjarji.

Emenda 66
Michael Cashman

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 13
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa l-aktar tard it-[...] [***tliet*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni], u *wara kull tliet snin*, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali rapport *relattiv għall-attivitajiet tan-netwerk*. Dan ir-rapport *ikollu* miegħu, jekk ikun il-każ, proposti bil-ħsieb li jadattaw din id-Deċiżjoni.	*Mhux aktar tard minn* [...] [***ħames*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni], u *tliet snin wara dik id-data*, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali rapport *dwar l-attivitajiet tan-Netwerk*. Dan ir-rapport *għandu jkollu* miegħu, jekk ikun il-każ, proposti bil-ħsieb li jadattaw din id-Deċiżjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ħames snin jippermettu li ssir evalwazzjoni iktar effettiva u bir-reqqa.